MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2003

Numru 135/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**
**vs**
**Giovanni Antonio Sallemi**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra Giovanni Antonio Sallemi ta' 32 sena bin Francesco u Maria nee' n/a, imwieled Ragusa fit-12 ta' Gunju 1970 u residenti 'Niscemi' Via Le Moli, No. 23, Italja, detentur ta' Passaport Taljan numru 738141B akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-4 ta' Frar, 2003 u fix-xhur ta' qabel, f'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, imma li jiksru l-istess desposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b''izoluzzjoni wahda;

a. Iffalsifika cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta gew prezentati wiehed seta' jircievi bihom hlas, jew ha l-kunsinna ta' oggetti, jew gabar depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew

stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u aktar talli xjentament ghamel uzu minnhom u dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. fl-istess zmien u lok, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi waral li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, u dan bi ksur tl-Artikoli 18, 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. fl-istess zmien u lok, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal, tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn tlett elef seba' mija sittin lira maltin u sittin centezmi (Lm3760.60c) ghad-dannu tal-H.S.B.C. Malta Ltd., Euro Change Ltd., Golgen Tulip Vivaldi, u persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi f'liema ammissjoni ippersista fiha anka wara li l-Qorti taghtu zmien biex jahsibha.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Stante ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Rat l-artiklu 18, 167, 169, 183 u 184 tal-Kap 9 u tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghall-erba' (4) snin.

Rat l-Artikolu 14, 15 tal-Kap 217 u tordna it-tnehhija tieghu minn dawn il-Gzejjer.

Tordna konfiska tal-flus ezebit

--------------------------------TMIEM--------------------------------